# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2002**

**Appell Nru 29/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tarcisio Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tarcisio Calleja talli f'Tas-Sliema, fit-2 ta' Dicembru, 2001, ghall-habta tal-11 am (**1**) iddisturba l-paci pubblika b'ghajjat u glied, (**2**) hebb ghall-mara tieghu Sylvia Calleja sabiex idejjaqha jew jghamillha hsara, u (**3**) talli bi strument li jaqta' u bil-ponta ikkagunalha griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet skond ma iccertifika Dott. Paul Mangion M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Frar, 2002, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Tarcisio Calleja mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni, izda sabitu hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu "ammonizzjoni u represjoni" [**recte:** canfira u twiddiba] fuq it-tieni imputazzjoni u ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) fuq it-tielet imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Tarcisio Calleja, minnu ppresentat fit-8 ta' Frar, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 19 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, illi hu ma kellux jinstab hati kif instab, u cioe` hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. In partkolari dwar it-tielet imputazzjoni l-appellant jikkontendi li hija d-deposizzjoni ta' martu stess li titfa' dubbju dwar kemm verament huwa kkagunalha offiza bi strument li jaqta' u bil-ponta.

Ghandu jinghad qabel xejn li quddiem l-ewwel qorti ma gie presentat ebda certifikat mediku li b'xi mod jiddeskrivi l-offiza li garrbet mart l-appellant. Kullma jidher li gie ezibit hu ritratt li juri wicc Sylvia Calleja b'sinjal hamrani li

jibda minn mohha fuq ghajnejha tax-xellug u jibqa' niezel fuq il-genb ta' wiccha, dejjem fuq ix-xellug. Wiehed ghalhekk ma jistax jghid jekk dana s-sinjal huwiex semplicement girfa jew qata' b'xi oggett li jaqta'. Mart l-appellant, meta xehdet quddiem din il-Qorti, stqarret li ma tafx kif gie dak is-sinjal, hlief li sar waqt li hija kienet qed tissara ma zewgha li kien qed jipprova jiehu minn fuqha il-*mobile phone*, u li f'hin minnhom hija rat xi haga tleqq f'idu. Hija ma setghetx tghid x'kienet dik ix-xi haga tleqq li kellu f'idu, jekk kienitx sikkina jew le; anzi pprecisat li certament ma kienitx is-sikkina, pjuttost twila, li giet ezibita minn P.S. 497 Alfred Fabri. Mistoqsija mill-Qorti jekk is-sinjal kienx fil-fatt girfa jew qata', hi wiegbet: *"Part scratch, here it was cut for sure because I still have a small scar here. Here was like a scratch, but here, this top part, was a cut"*. Anqas jirrisulta li kien hemm bzonn ta' xi ponti fir-rigward ta' l-offiza li garrbet f'wiccha (ara d-deposizzjoni ta' Jennifer Oately, habiba ta' mart l-appellant). Skond P.S. Fabri, meta mart l-appellant marret l-Ghassa qabel ma marret il-poliklinika, dak li huwa ralha f'wiccha kienet girfa.

Skond l-appellant, meta huwa mar biex johdilha l-*mobile phone*, martu qabdet sikkina; kif ra hekk huwa imbotta lil martu u mar jissakkar fil-kamra tas-sodda. Mistoqsi specifikatament mill-qorti kif martu garrbet dik l-offiza – girfa jew qata', hi x'inhi – f'wicca, l-appellant jissuggerixxi li dik l-offiza kienet "self-inflicted": *"Jien nghidlek li qabdet is-sikkina girfet wiccha biha u gabet skuza li jien attakkajtha".*

Mill-kumpless tal-provi ma jistax ikun hemm l-icken dubbju li t-tieni imputazzjoni tirrisulta pruvata. Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, l-aktar li setghet tasal biex tghid l-ewwel qorti -- dejjem wiehed irid jassumi li dik il-qorti kellha quddiemha l-istess provi li ghandha quddiemha din il-Qorti tat-tieni istanza – hu li l-appellant ikkaguna l-offiza hafifa fuq martu fil-kors tal-kolluttazzjoni li kellhom bejniethom, pero` certament ma hemmx prova sodisfacenti li dina l-offiza saret bi stument li jaqta' u bil-ponta. Ghalhekk din il-Qorti ser tiddikjara li l-aggravju kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9 ma jirrisultax pruvat.

Kwantu ghall-piena, din ser tibqa l-istess anke fir-rigward tat-tielet imputazzjoni peress li anke jekk wiehed ihalli barra l-aggravju tal-arma, il-piena pekunjarja kellha tkun dik ta' multa (Art. 221(1)(3)(a), Kap. 9), mentri l-ewwel qorti tat il-piena inferjuri ta' ammenda.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li, riferibbilment ghat-tielet imputazzjoni, l-appellant qed jisntab hati li kkaguna offiza hafifa fuq martu pero` mhux bi strument li jaqta' u bil-ponta; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Aldo Testone
Dep. Registratur